# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Frar, 2001**

**Numru : 28**
**Citaz. numru : 175/01/RCP**

**Andrews Feeds (Malta) Ltd**

**vs**

**John Seychell**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih is-socjeta` attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta Maltija ANDREWS FEEDS [MALTA] LIMITED hija kreditrici tal-konvenut, JOHN SEYCHELL fl-ammont ta' erbgha' telef seba' mija wiehed u hamsin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmi [Lm4751.25] rapprezentanti ghalf ordnat u konsejat lill-konvenut;

Illi s-socjeta attrici talbet lil konvenut sabiex ihallas l-ammont dovut diversi drabi u minkejja dan il-konvenut baqgha inadempjenti.

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta attrici l-konvenut ma ghandhux eccezzjonijiet x'jaghti.

L-istess socjeta` attrici talbet li ghalhekk il-konvenut in vista tal-premess jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' erbgha' telef seba' mija wiehed u hamsin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmi [Lm4751.25] inkluz imghax legali minn Gunju, 2000;

Bl-ispejjez u bl-imghax relat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedota fic-citazzjoni b'dan illi:

2. tikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' erbgha' telef seba' mija wiehed u hamsin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmi [Lm4751.25] inkluz imghax legali minn Gunju, 2000;

Bl-ispejjez u bl-imghax relat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**20 ta' Frar, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**20 ta' Frar, 2001**